MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 11.4.2011
KUMM(2011) 175 finali

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## Dwar l-implimentazzjoni sa mill-2007 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri

{SEG(2011) 430 finali}

# WERREJ

1. INTRODUZZJONI ........ 3

2. SFOND ........ 4

3. TIBDILIET LEĠIŻLATTIVI FL-ISTATI MEMBRI SA MILL-1 TA' APRIL 2007 5

4. IL-MANDAT TA' ARREST EWROPEW U T-TISĦIĦ TAD-DRITTIJIET PROĊEDURALI TA' PERSUNI SUSPETTATI JEW AKKUŻATI FI PROĊEDIMENTI KRIMINALI ........ 6

5. IL-KWISTJONI TAL-PROPORZJONALITÀ ........ 7

6. IL-ĦIDMA GĦALL-ĠEJJIENI ........ 9

ANNESS 1 — Dejta tal-istatistika relatata mal-Mandat ta' arrest Ewropew ........ 11

## 1. INTRODUZZJONI

Għaddew aktar minn seba' snin minn meta daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2004 id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'MAE') u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri[1] (minn hawn 'il quddiem imsejħin 'id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill'). L-istatistika li hemm ikkompilata għas-snin bejn l-2005 u l-2009[2] (ara l-Anness 1) tirreġistra 54 689 MAE maħruġin u 11 630 MAE esegwiti. Matul dak il-perjodu bejn 51 % u 62 % tal-persuni mitlubin taw il-kunsens tagħhom li jkunu kkonsenjati, medja ta' f'minn 14 sa 17-il jum. Iż-żmien medju għal dawk li ma tawx il-kunsens tagħhom kien ta' 48 jum. Dan jikkuntrastja b'mod favorevoli ħafna mal-qagħda qabel l-MAE ta' medja ta' sena għall-estradizzjoni ta' persuni mitlubin u, mingħajr dubju, saħħaħ aktar il-moviment liberu ta' persuni fl-UE billi pprovda mekkaniżmu aktar effiċjenti biex ikun żgurat li fruntieri miftuħin ma jkunux sfruttati minn dawk li jfttxu li jevadu l-ġustizzja.

Madankollu, dawn l-aħħar seba' snin urew ukoll li, minkejja s-suċċess tal-operazzjoni tagħha, is-sistema tal-MAE hija ferm 'il bogħod milli perfetta. Stati Membri, parlamentari Ewropej u nazzjonali, gruppi mis-soċjetà ċivili u ċittadini individwali lkoll esprimew xi tħassib b'rabta mal-operazzjoni tal-MAE u partikolarment mal-effetti tagħha fuq id-drittijiet fundamentali. Hemm ukoll nuqqasijiet fil-mod kif xi Stati Membri jimplimentaw id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill.

Sa minn Diċembru 2009, b'riżultat tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona u natura legalment vinkolanti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Liżbona li jirregolaw strumenti leġiżlattivi fil-qasam tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, bidlu l-kuntest li fih l-MAE jopera. Skont it-Trattat, kull darba li jkun emendad strument ta' qabel Liżbona, bħad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill, jibdew japplikaw għall-miżura emendata s-setgħa tal-Kummissjoni li tieħu proċedimenti ta' ksur u l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. F'kull każ dawk is-setgħat għandhom japplikaw wara l-1 ta' Diċembru 2014 fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit fit-Trattat. Barra minn dan, kull emenda tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tfisser li għandhom japplikaw ir-regoli l-ġodda introdotti mit-Trattat ta' Liżbona għall-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi f'dan il-qasam. Dawn ir-regoli jinkludu kodeċiżjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill u l-possibbiltà li xi Stati Membri ma jipparteċipawx[3].

Effett ieħor importanti tat-Trattat ta' Liżbona huwa li dan jagħmel il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[4] obbligatorja legalment[5]. Barra minn dan, l-UE għandha tiffirma bħala entità l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.[6]

---

1 ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

2 Kunsill 9005/5/06 COPEN 52; 11371/5/07 COPEN 106; 10330/2/08 COPEN 116; 9743/4/09 COPEN 87; 7551/7/10 COPEN 64.

3 Skont il-Protokolli 21 u 22 tat-Trattat ta' Liżbona, ir-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka ma jipparteċipawx f'miżuri fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Intern. Ir-Renju Unit u l-Irlanda għandhom il-possibbiltà li jagħżlu li jidħlu għal miżura.

4 ĠU C364 18.12.200, p. 1.

5 Artikolu 6(1) tat-TUE.

6 Artikolu 6(3) tat-TUE.

Il-Kummissjoni dan l-aħħar adottat strateġija biex tiżgura r-rispett għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[7] u dan għandu jkun il-bażi tal-approċċ tagħha għall-inizjattivi kollha leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġodda u eżistenti (inkluż l-MAE) kif ukoll l-approċċ tal-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw jew japplikaw id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill.

## 2. SFOND

Dan it-tielet rapport u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li hemm miegħu jieħdu minn għadd ta' sorsi: ir-rapporti ta' qabel tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 34 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill fl-2006[8] u fl-2007[9]; ir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet finali tar-raba' rawnd ta' evalwazzjonijiet reċiproċi magħmulin mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħin 'Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill')[10] u adottati mill-Kunsill f'Ġunju 2010[11]; l-eżitu ta' laqgħa ta' esperti fil-5 ta' Novembru 2009; tweġibiet mogħtija mill-Istati Membri għal talbiet għal informazzjoni aġġornata mill-Kummissjoni fit-30 ta' Ġunju 2009 u l-25 ta' Ġunju 2010; u l-każistika fejn japplika. L-informazzjoni miksuba mill-Istati Membri kienet tvarja fil-kontenut u fil-kwalità, li għamlitha aktar bi tqila li jsiru analiżi u paragun komprensivi għalkollox li jkopru l-Istati Membri kollha.[12]

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li hemm mar-rapport fih ammont kbir ta' informazzjoni dwar il-qagħda attwali b'rabta mal-MAE. Dan għandu jkun ta' għajnuna għal min jipprattika inġenerali, kif ukoll għall-Istati Membri wara r-rawnd ta' reviżjonijiet ta' esperti ugwali fil-qasam sal-aħħar ta' Ġunju 2011 skont kif qabel il-Kunsill.[13] Il-Parti I tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal għandha analiżi deskrittiva qasira dwar l-Istati Membri li introduċew leġiżlazzjoni emendatorja sa minn April 2007. Il-Parti II tagħti ħarsa ġenerali tal-qagħdiet attwali ta' Stati Membri b'rabta mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill. Il-Parti III tagħti dettalji dwar għadd ta' strumenti leġiżlattivi tal-UE li jemendaw jew jikkomplementaw id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-MAE. Il-Partijiet IV u V għandhom xi informazzjoni attwali dwar l-MAE u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u Eurojust rispettivament. Il-Parti VI tiddeskrivi d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rilevanti għad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-MAE. Il-Parti VII tagħti n-numri ta' referenza tar-rapporti ta' evalwazzjoni wieħed wieħed tal-Kunsill tal-Istati Membri u l-Parti VIII tipprovdi tabelli dwar kull Stat Membru u tagħti l-informazzjoni li ġejja:

- ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'kull wieħed mir-rapporti ta' evalwazzjoni tal-Kunsill u t-tweġibiet tal-Istati Membri fejn dawn ingħataw; informazzjoni ġenerali dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill f'kull Stat Membru, b'referenza għal kwistjonijiet imqajmin fir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill;

---

7 COM(2010) 573 finali. 19.10.2010.

8 COM(2005) 63 u SEC(2005) 267 tat-23.2.2005, riveduta minn COM(2006) 8 u SEC(2006) 79 tal-24.1.2006.

9 COM(2007) 407 u SEC(2007) 979 tat-12.7.2007.

10 Kunsill 8302/4/09 COPEN 68; 7361/10 COPEN 59; 8465/2/10 COPEN 95.

11 Kunsill 10630/1/10 Presses 161 p.33.

12 Bi tweġiba għat-talbiet tagħha għal informazzjoni fl-2009 u fl-2010, il-Kummissjoni rċeviet ftit ħafna jew xejn minn Ċipru, Malta u r-Renju Unit.

13 Kunsill 10630/1/10 Pressess 161 p.33 u 8302/4/09 COPEN 68 p.23 — Rakkomandazzjoni 20.

- l-osservazzjonijiet li hemm fir-rapport ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni mill-2007 u t-tweġibiet ta' Stati Membri.

Il-Parti IX fiha ftit aktar dejta tal-istatistika f'forma ta' tabelli.

## 3. TIBDILIET LEĠIŻLATTIVI FL-ISTATI MEMBRI SA MILL-1 TA' APRIL 2007

It-tweġibiet li rċeviet il-Kummissjoni għat-talbiet tagħha għal informazzjoni mill-Istati Membri juru li erbatax-il Stat Membru (AT, BG, CZ[14], EE, FR, HU, IE, LV, LT, PL PT, RO, SK u SI) għamlu emendi għal-leġiżlazzjonijiet tagħhom ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi u tilqa' bi pjaċir il-fatt li ħafna mill-emendi jqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Stat Membru wieħed (LU) emenda artikolu wieħed tal-leġiżlazzjoni tiegħu ta' traspożizzjoni fl-2010, u proposta leġiżlattiva li tindirizza għadd ta' rakkomandazzjonijiet bħalissa tinsab għaddejja mill-proċedura parlamentari tagħha. Kif jidher mit-tabelli fil-Parti VIII tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, kemm huwa mifrux it-titjib ivarja ħafna minn Stat għal ieħor u mhux ir-rakkomandazzjonijiet kollha huma riflessi fl-ittra tal-liġi.

Tnax-il Stat Membru (BE, CY[15], DK, DE, EL, ES, FI, IT, MT, NL, SE, UK) ma għamlux emendi għal-leġiżlazzjonijiet rispettivi tagħhom, għalkemm kienu rrakkomandati jagħmlu hekk f'rapporti ta' qabel tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Dan huwa wkoll ta' aktar dispjaċir fil-każ ta' Stati Membri li ssemmew espressament fir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2007 bħala li kien jeħtiġilhom jagħmlu sforz biex ikunu konformi għalkollox mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill (CY, DK, IT, MT, NL, UK).

Għal dawk l-Istati Membri fejn kienet adottata leġiżlazzjoni ġdida, tingħata analiżi deskrittiva qasira tal-emendi fil-Parti I tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li hemm ma' dan ir-rapport. Il-qagħda globali tal-Istati Membri kollha tinsab deskritta fid-dettall fit-Tabelli fil-Parti VIII tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

Xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet kien jeħtiġilhom miżuri prattiċi minflok leġiżlazzjoni u l-Kummissjoni tirrikonoxxi x-xogħol li sar minn Stati Membri biex jissimplifikaw is-sistemi tal-MAE tagħhom u jagħtu taħriġ, informazzjoni u punti ta' kuntatt. Iżda l-applikazzjoni konsistenti tal-MAE u l-fiduċja reċiproka li hija essenzjali għall-operazzjoni tiegħu jiddependu ħafna mill-implimentazzjoni tal-MAE b'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill. In-nuqqasijiet attwali fit-traspożizzjoni fir-rigward ta' kull Stat Membru huma ppreżentati f'format aċċessibbli fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li hemm ma' dan ir-rapport. Il-Kummissjoni tistenna li dan għandu jipprovdi mezz għal dawk l-Istati Membri biex iġibu l-leġiżlazzjoni tagħhom li timplimenta l-MAE f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill.

[14] Aktar emendi leġiżlattivi bħalissa qed jitħejjew minn CZ.

[15] L-aħħar informazzjoni li waslet minn CY f'Awwissu 2009 kienet li kienet proposta leġiżlazzjoni ġdida.

## 4. IL-MANDAT TA' ARREST EWROPEW U T-TISĦIĦ TAD-DRITTIJIET PROĊEDURALI TA' PERSUNI SUSPETTATI JEW AKKUŻATI FI PROĊEDIMENTI KRIMINALI

Waqt li laqgħet il-fatt li l-MAE fil-prattika huwa strument li rnexxa ta' rikonoxximent reċiproku, il-Kummissjoni taf ukoll bl-imperfezzjonijiet li fadal tal-MAE, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni tiegħu fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni rċeviet rappreżentazzjonijiet minn parlamentari Ewropej u nazzjonali, avukati difensuri, ċittadini u gruppi tas-soċjetà ċivili li taw prominenza lil għadd ta' problemi fl-operazzjoni tal-MAE: ebda dritt għal rappreżentanza legali fl-Istat emittenti matul il-proċedimenti ta' konsenja fl-Istat eżekutant; kundizzjonijiet ta' detenzjoni f'xi Stati Membri flimkien ma' xi drabi detenzjoni fit-tul qabel is-smigħ tal-kawża għal persuni konsenjati u applikazzjoni mhux uniformi ta' verifika tal-proporzjonalità minn Stati emittenti, li jirriżultaw f'talbiet għal konsenja għal reati relattivament żgħar li, fin-nuqqas ta' verifika tal-proporzjonalità fl-Istat eżekutant, ikollhom ikunu eżegwiti.

Mill-kwistjonijiet li tqajmu b'rabta mal-operazzjoni tal-MAE qisu jidher li, minkejja l-fatt li l-liġi u l-proċeduri kriminali tal-Istati Membri kollha huma soġġetti għall-istandards tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sikwit ikun hemm xi dubji jekk standards ikunux simili mal-UE kollha. Waqt li individwu jista' jmur il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem biex jasserixxi drittijiet li joħorġu mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, dan jista' jsir biss wara li jkun ġie allegat li sar ksur u li jkunu ġew eżawriti r-rimedji legali domestiċi kollha. Dan ma tax prova li kien mezz effikaċi biex ikun żgurat li firmatarji jkunu konformi mal-istandards tal-Konvenzjoni. Din is-sitwazzjoni kienet il-bażi tax-xogħol kontinwu tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali[16] għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali. Dan il-pjan direzzjonali, adottat mill-Kunsill fit-30 ta' Novembru 2009, jagħraf fil-Premessa 10 li 'sar ħafna progress fil-qasam tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja dwar miżuri li jħaffu l-prosekuzzjoni. Issa huwa ż-żmien li tittieħed azzjoni biex jitjieb il-bilanċ bejn dawn il-miżuri u l-protezzjoni tad-dritttijieet proċedurali tal-individwu'. Waqt li tinżamm il-possibbiltà li jiżdiedu aktar drittijiet, il-pjan direzzjonali jidentifika s-sitt miżuri ta' prijorità li ġejjin:

- id-dritt għal interpretazzjoni u traduzzjoni;
- id-dritt għal informazzjoni dwar drittijiet (Ittra ta' Drittijiet);
- parir legali qabel is-smigħ tal-kawża u għajnuna legali waqt is-smigħ tal-kawża;
- id-dritt ta' persuna miżmuma li tikkomunika ma' membri tal-familja, impjegaturi u awtoritajiet konsulari;
- protezzjoni għal suspettati vulnerabbli;
- green paper dwar detenzjoni qabel is-smigħ tal-kawża.

16 Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009. ĠU C 295, 4.12.2009, p.1.

L-ewwel miżura, Direttiva dwar id-dritt għal interpretazzjoni u traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, kienet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill f'Ottubru 2010[17]. It-tieni miżura[18] bħalissa tinsab qed tkun diskussa fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill u qed isir xogħol ta' tħejjija mill-Kummissjoni dwar il-miżuri li għad fadal. Ir-riċerka dwar id-dritt għal parir legali għandha teżamina l-kwistjoni tar-rappreżentanza għal persuni mitlubin kemm fl-Istat eżekutant kif ukoll f'dak emittenti matul il-proċedimenti ta' konsenja. Id-Direttivi diġà proposti għandhom artikoli li espressament japplikaw id-drittijiet li hemm fihom għal każijiet ta' MAE. Id-Direttiva dwar id-dritt għal informazzjoni fi proċedimenti kriminali tipproponi wkoll ittra mudell ta' drittijiet speċifikatament għal każijiet ta' MAE.

Għadd ta' sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem saħqu fuq nuqqasijiet f'xi ħabsijiet fl-UE.[19] Il-qorti ddeċidiet li kundizzjonijiet mhux aċċettabbli ta' detenzjoni (li għandhom jilħqu livell minimu ta' severità) jistgħu jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ukoll fejn ma jkunx hemm provi li kien hemm intenzjoni pożittiva li l-persuna miżmuma tkun umiljata jew imbaxxa. Huwa ċar li d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-MAE (li tgħid fl-Artikolu 1(3) li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali, inkluż l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem) ma tagħtix is-setgħa bis-saħħa ta' mandat li ssir konsenja fejn awtorità ġudizzjarja eżekutanti tkun sodisfatta, wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, li konsenja bħal dik għandha tirriżulta fi ksur tad-drittijiet fundamentali ta' persuna mitluba li jiġu minn kundizzjonijiet mhux aċċettabbli ta' detenzjoni.

Kwistjoni oħra relatata ma' każijiet tal-MAE hija li ċittadini tal-UE li ma jkunux residenti fl-Istat Membru fejn ikunu suspettati li jkunu wettqu reat sikwit jinżammu f'detenzjoni qabel is-smigħ tal-kawża, l-aktar minħabba nuqqas ta' rabtiet komunitarji u r-riskju li jaħarbu. Fit-23 ta' Ottubru 2009 il-Kunsill adotta 'Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI[20] dwar l-applikazzjoni, bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar miżuri ta' kontroll bħala alternattiva għal detenzjoni provviżorja.'[21] Din id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tintroduċi l-possibbiltà ta' trasferiment ta' miżura ta' kontroll mingħajr arrest mill-Istat Membru fejn il-persuna mhux residenti tkun suspettata li tkun wettqet reat lill-Istat Membru fejn il-persuna tkun normalment residenti. Dan iħalli persuna suspettata tkun soġġetta għal miżura ta' kontroll fl-ambjent normali tagħha matul il-kawża fl-Istat Membru barrani.

## 5. IL-KWISTJONI TAL-PROPORZJONALITÀ

Il-fiduċja fl-applikazzjoni tal-MAE ddgħajfet bil-ħruġ sistematiku ta' MAEs għall-konsenja ta' persuni mfittxin fir-rigward ta' reati li sikwit ikunu żgħar. F'dan il-kuntest, diskussjonijiet fil-Kunsill li joħorġu mill-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet

[17] Direttiva 2010/64/UE — ĠU L 280 26/10/2010.
[18] COM(2010) 392 finali 20.7.2010.
[19] Ara, *i.a.*, is-sentenzi fil-każijiet *Peers v. Il-Greċja* (19 ta' April 2001), *Salejmanovic v L-Italja* (16 ta' Lulju 2009), *Orchowski v Il-Polonja* (22 ta' Jannar 2010).
[20] ĠU L 294, 11.11.2009, p. 20.
[21] Data ta' implimentazzjoni 1 ta' Diċembru 2012.

ta' Stat Membru[22] juru li hemm qbil ġenerali fost l-Istati Membri li verifika tal-proporzjonalità hija meħtieġa biex MAEs ma jitħallewx jinħarġu għal reati li, għalkemm jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 2(1)[23] tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-MAE, ma jkunux gravi biżżejjed biex jiġġustifikaw il-miżuri u l-kooperazzjoni li eżekuzzjoni ta' MAE teħtieġ. Għandhom jitqiesu diversi aspetti qabel ma jinħareġ l-MAE, inkluża l-gravità tar-reat, it-tul tas-sentenza, l-eżistenza ta' approċċ alternattiv li jkun ta' anqas piż kemm għal persuna mfittxija kif ukoll għall-awtorità eżekutriċi u analiżi ta' kost/benefiċċju għall-eżekuzzjoni tal-MAE. Hemm effett disproporzjonat fuq il-libertà u l-ħelsien ta' persuni mitlubin meta jinħarġu MAEs li jikkonċernaw każijiet li għalihom (qabel is-smigħ tal-kawża) id-detenzjoni tkun mod ieħor tinħass bħala mhux xierqa. Barra minn dan, għadd żejjed ta' talbiet bħal dawn jista' jiswa l-flus għal Stati Membri eżekutanti. Jista' jwassal ukoll għal sitwazzjoni li fiha l-awtoritajiet ġudizzjarji eżekutanti (kuntrarju għall-awtoritajiet emittenti) iħossuhom inklinati li japplikaw prova ta' proporzjonalità, u b'hekk jintroduċu raġuni għal rifjut li ma jkunx f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill jew mal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku li fuqhom hija bbażata l-miżura.

Fis-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet fir-rapport finali dwar ir-raba' rawnd ta' evalwazzjonijiet reċiproċi, il-Kunsill inkluda emenda għall-manwal dwar l-MAE fir-rigward tal-proporzjonalità[24]. Dan ir-rapport kien adottat mill-Kunsill f'Ġunju 2010[25]. Il-manwal emendat issa jiddeskrivi l-fatturi li għandhom ikunu vvalutati meta jinħareġ MAE u alternattivi possibbli li għandhom jitqiesu qabel il-ħruġ ta' MAE.[26] Jekk il-manwal emendat ikun segwit mill-Istati Membri, huwa għandu jipprovdi bażi għal ftit konsistenza fil-mod li bih tkun applikata verifika tal-proporzjonalità. Il-Kummissjoni tapprova dan l-approċċ u tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu passi pożittivi biex jiżguraw li prattikanti jużaw il-manwal emendat (flimkien mad-dispożizzjonijiet statutorji tagħhom, jekk ikollhom) bħala l-linja gwida għall-mod li bih għandha tkun applikata prova ta' proporzjonalità.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li fl-isfond ta' qbil ġenerali fil-Kunsill dwar il-merti ta' prova ta' proporzjonalità u t-tidgħjif tal-fiduċja fis-sistema tal-MAE fejn ma tkunx applikata prova ta' proporzjonalità, ikun essenzjali li l-Istati Membri kollha japplikaw prova ta' proporzjonalità, inklużi dawk il-ġurisdizzjonijiet fejn prosekuzzjoni hija obbligatorja. Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill hija għodda għall-Istati Membri biex jużawha meta jqisuha meħtieġa biex persuna tkun preżenti fit-territorju tagħhom biex iġibu azzjoni kriminali kontra dik il-persuna jew biex jinforzaw sanzjoni ta' kustodja għal dik il-persuna. Il-manwal maqbul jipprovdi gwida dwar l-implimentazzjoni uniformi ta' din l-għodda. L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill jipprovdi li 'Mandat ta' arrest Ewropew jista' jinħareġ għal atti…' Huwa f'dan il-qasam diskrezzjonali li kwistjonijiet indirizzati fil-manwal (inkluża l-operazzjoni ta' prova ta' proporzjonalità) huma diskussi u jkun hemm qbil dwarhom. Biex tkun żgurata l-fiduċja reċiproka li hija essenzjali biex tissokta l-

---

[22] Kunsill 8302/4/09 COPEN 68; 7361/10 COPEN 59; 8465/2/10 COPEN 95; 10630/1/10 Presses 161 p.33.

[23] Artikolu 2(1) *Mandat ta' arrest Ewropew jista' jinħareġ għal atti punibbli skont il-liġi tal-Istat Membru emittenti b'sentenza ta' kustodja jew b'ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-anqas 12-il xahar jew, fejn tkun ingħatat sentenza jew tkun saret ordni, għal sentenzi ta' mill-anqas erba' xhur.*

[24] Kunsill 8436/2/10 COPEN p.3.

[25] Kunsill 10630/1/10 PRESSE 161.

[26] Kunsill 8302/4/09 COPEN 68 p.15; 7361/10 COPEN 59 p.4; 8436/2/10 COPEN p.3.

operazzjoni tal-MAE, awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istati Membri kollha għandhom jirrispettaw il-ftehimiet li ntlaħqu f'dan il-qasam diskrezzjonali.

## 6. IL-ĦIDMA GĦALL-ĠEJJIENI

Dan ir-rapport huwa opportunità biex wieħed jikkunsidra l-istat tal-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-MAE, li verament jipprovdi s-sistema ta' konsenja effiċjenti u effettiva li hija meħtieġa fl-Ewropa ta' fruntieri miftuħin. L-informazzjoni miġbura għar-rapport turi li, waqt li l-MAE huwa għodda utli ħafna għall-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità, hemm spazju għal titjib fit-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill. Partikolarment il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għandha tkun ċentrali għall-operazzjoni tas-sistema tal-MAE. Teħtieġ azzjoni fl-oqsma li ġejjin:

- **Traspożizzjoni**: L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni leġiżlattiva, fejn ikun meħtieġ, biex ikunu indirizzati l-oqsma (deskritti fid-dettal fit-tabelli fil-Parti VIII tad-dokument li hemm mad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal) fejn il-leġiżlazzjoni implimentattiva tagħhom tonqos milli tkun konformi mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-MAE.

- **Drittijiet fundamentali**: Għandu jkun hemm l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri li joħorġu mill-pjan direzzjonali dwar drittijiet proċedurali għal persuni suspettati u akkużati biex ikun żgurat li drittijiet u libertajiet fundamentali jkunu protetti u biex titjieb il-fiduċja reċiproka li hija essenzjali biex tissokta l-operazzjoni ta' strumenti ta' rikonoxximent reċiproku bħad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-MAE.

- **Proporzjonalità**: Awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jużaw is-sistema tal-MAE biss meta talba għal konsenja tkun proporzjonata fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u għandhom japplikaw prova ta' proporzjonalità b'mod uniformi mal-Istati Membri kollha. L-Istati Membri għandhom jieħdu passi pożittivi biex jiżguraw li prattikanti jużaw il-manwal emendat (flimkien mad-dispożizzjonijiet statutorji rispettivi tagħhom, jekk ikollhom) bħala l-linja gwida għall-mod li bih għandha tkun applikata prova ta' proporzjonalità.

- **Taħriġ**: Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ppjanata għal Settembru 2011 dwar taħriġ ġudizzjarju Ewropew hija maħsuba li tindirizza l-ħtieġa għal taħriġ speċifiku kemm għal awtoritajiet ġudizzjarji kif ukoll għal prattikanti legali dwar l-implimentazzjoni tal-MAE u dwar il-miżuri ġodda għat-tisħiħ ta' drittijiet proċedurali għal persuni suspettati u akkużati. It-taħriġ għall-awtoritajiet huwa essenzjali biex tkun żgurata l-konsistenza fi kwistjonijiet bħall-applikazzjoni ta' prova ta' proporzjonalità mal-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni tinnota li n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew għandu jniedi websajt ġdid fl-2011, li għandu jipprovdi għodda utli biex ikun żgurat li awtoritajiet ġudizzjarji jkollhom aċċess għal informazzjoni adatta dwar l-MAE.

- **Implimentazzjoni ta' strumenti komplementari**: Sar ammont konsiderevoli ta' xogħol sa mill-2004 biex ikunu identifikati problemi u biex titjieb is-sistema tal-MAE. Kien hemm erba' Deċiżjonijiet Qafas (deskritti fid-dettal fil-Parti III tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal) li jolqtu l-operazzjoni tal-MAE. Dawn il-

miżuri jindirizzaw il-kwistjonijiet ta' trasferiment ta' sentenzi, sentenzi *in absentia*, konflitti ta' ġurisdizzjoni u rikonoxximent ta' ordnijiet ta' superviżjoni. L-implimentazzjoni malajr tagħhom mill-Istati Membri fil-ġejjieni qarib tista' ssaħħaħ aktar l-operazzjoni prattika tal-MAE.

- **Statistika:** Aħna llum għandna diversi snin ta' dejta tal-istatistika msejsa fuq tweġibiet għall-kwestjonarju mfassal mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Kooperazzjoni f'Materji Kriminali f'April 2005[27]. S'issa t-tweġibiet għall-kwestjonarju kienu kkollazzjonati u ppubblikati għas-snin mill-2005 sal-2009 inklusivi[28] (ara l-Anness 1 ta' dan ir-rapport u l-Parti IX tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal). Iżda jeżistu nuqqasijiet konsiderevoli fid-dejta tal-istatistika li hemm għal analiżi. Hemm għadd ta' raġunijiet għal dan. Mhux l-Istati Membri kollha taw dejta b'mod sistematiku u l-Istati Membri ma jaqsmux għodda komuni ta' statistika. Barra minn dan, hemm interpretazzjonijiet differenti fit-tweġibiet għall-kwestjonarju annwali tal-Kunsill. Hemm evidenza wkoll li ma sarx rappurtar lil Eurojust dwar ksur ta' dekadenzi fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill, minkejja l-obbligu ta' rappurtar fl-Artikolu 17 (ara l-Parti V tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal). Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri li jħarsu l-obbligi tagħhom li jirrappurtaw. Statistika komprensiva hija essenzjali għal evalwazzjoni xierqa kemm tas-suċċessi kif ukoll tan-nuqqasijiet tal-MAE. Huwa importanti ħafna li l-Istati Membri jagħtu dejta sħiħa tal-istatistika, speċjalment dawk li s'issa għadhom ma għamlux hekk. Il-Kummissjoni tagħmel kull sforz biex tindirizza n-nuqqasijiet fil-kwestjonarju dwar l-istatistika tal-MAE u tara kif ittejjeb il-ġabra ta' statistika.

Waqt li tirrikonoxxi kemm is-suċċess tal-MAE kif ukoll l-imperfezzjonijiet tiegħu li għad fadal, il-Kummissjoni tilqa' bi pjaċir l-ammont ta' xogħol li qed isir bħalissa biex is-sistema titjieb. Huwa strument innovattiv u dinamiku. Sa minn mindu ġie fis-seħħ fl-2004 ta lil awtoritajiet ġudizzjarji mekkaniżmu aċċessibbli u effiċjenti li jiżgura li dawk li jagħmlu reat ma jevadux il-ġustizzja kull fejn jistgħu jinħbew fl-Unjoni Ewropea. Iżda l-operazzjoni tiegħu teħtieġ skrutinju kontinwu mill-qrib. Il-Kummissjoni għandha tkompli timmonitorja l-operazzjoni tal-istrument fir-rigward tal-kwistjonijiet diskussi f'dan ir-rapport u għandha tikkonsidra l-għażliet kollha possibbli, inkluża leġiżlazzjoni, fid-dawl ta' aktar esperjenzai, waqt li tqis il-kuntest ġdid miġjub bit-Trattat of Liżbona.

---

27 Kunsill 8111/05 COPEN 75.

28 Kunsill 9005/5/06 COPEN 52; 11371/5/07 COPEN 106; 10330/2/08 COPEN 116; 9743/4/09 COPEN 87; 7551/7/10 COPEN 64.

## ANNESS 1 — DEJTA TAL-ISTATISTIKA RELATATA MAL-MANDAT TA' ARREST EWROPEW

*(ibbażat fuq dejta minn COPEN 52 REV 5 9005/5/06, COPEN 106 REV 5 11371/5/07, COPEN 116 REV 2 10330/2/08, COPEN 87 REV 4 9734/4/09 u COPEN 64 REV 4 7551/7/10)*

### Żmien medju ta' proċeduri ta' konsenja

F'każijiet fejn il-persuna tkun tat il-kunsens tagħha għall-konsenja (żmien bejn l-arrest u d-deċiżjoni dwar il-konsenja tal-persuna mfittxija) iż-żmien medju tal-konsenja kien:

**2005**: 14.7 jiem. **2006**: 14.2 jiem. **2007**: 17.1 jiem. **2008:** 16.5 jiem. **2009:** 16-il jum.

F'każijiet fejn il-persuna ma tkunx tat il-kunsens tagħha għall-konsenja (żmien bejn l-arrest u d-deċiżjoni dwar il-konsenja tal-persuna mfittxija) iż-żmien medju tal-konsenja kien:

**2005**: 47.2 jiem. **2006**: 51 jum. **2007**: 42.8 jiem. **2008**: 51.7 jiem. **2009**: 48.6 jiem.

### Perċentwali ta' konsenji "konsenswali"

Il-perċentwali ta' persuni kkonsenjati li taw il-kunsens għall-konsenja tagħhom kien:

**2005**: 51 %. **2006**: 53 %. **2007**: 55 %. **2008**: 62 %. **2009**: 54 %.

**Mandati ta' arrest Ewropej fl-Istati Membri — L-għadd ta' Mandati ta' arrest Ewropej maħruġin ('maħruġin') u l-għadd ta' Mandati ta' arrest Ewropej li effetivament irriżultaw f' konsenja tal-persuni mfittxija ('eżegwiti') mis-sena 2005 sas-sena 2009**

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | EL | ES | FR | IE | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ***2005*** *maħruġin* | | | 4 | 64 | | 38 | 38 | 519 | 1914 | 29 | 121 | 44 | 44 | 500 | 42 | 42 | 1 | 373 | 975 | 1448 | 200 | | 81 | 56 | 86 | 144 | 131 | 6894 |
| ***2005*** *eżegwiti* | | | 0 | 19 | | 10 | 12 | 54 | 162 | 6 | 57 | 3 | 10 | 69 | 24 | 23 | 0 | 30 | 73 | 112 | 38 | | 10 | 14 | 37 | 10 | 63 | 836 |
| ***2006*** *maħruġin* | | | 168 | 52 | | 42 | 53 | 450 | 1552 | 43 | | 20 | 65 | 538 | 35 | 115 | 4 | 325 | 391 | 2421 | 102 | | 67 | 111 | 69 | 137 | 129 | 6889 |
| ***2006*** *eżegwiti* | | | 125 | 19 | | 15 | 4 | 62 | 237 | 20 | | 2 | 14 | 57 | 22 | 55 | 3 | 47 | 67 | 235 | 52 | | 14 | 23 | 37 | 27 | 86 | 1223 |
| ***2007*** *maħruġin* | | | 435 | | 1785 | 31 | 83 | 588 | 1028 | 35 | | 20 | 97 | 316 | 44 | 373 | 3 | 403 | 495 | 3473 | 117 | 856 | 54 | 208 | 84 | 170 | 185 | 10883 |
| ***2007*** *eżegwiti* | | | 66 | | 506 | 14 | 16 | 59 | 345 | 14 | | 4 | 16 | 60 | 15 | 84 | 1 | 17 | 47 | 434 | 45 | 235 | 8 | 71 | 43 | 22 | 99 | 2221 |
| ***2008*** *maħruġin* | | | 494 | 52 | 2149 | 46 | 119 | 623 | 1184 | 40 | | 16 | 140 | 348 | 40 | 975 | 2 | | 461 | 4829 | | 2000 | 39 | 342 | 107 | 190 | | 14196 |
| ***2008*** *eżegwiti* | | | 141 | 26 | 624 | 22 | 10 | 93 | 400 | 13 | | 3 | 22 | 68 | 22 | 205 | 1 | | 28 | 617 | | 448 | 11 | 81 | 44 | 40 | | 2919 |
| ***2009*** *maħruġin* | 508 | | 439 | 96 | 2433 | 46 | 116 | 489 | 1240 | 33 | | 17 | 171 | 354 | 46 | 1038 | 7 | 530 | 292 | 4844 | 104 | 1900 | 27 | 485 | 129 | 263 | 220 | 15827 |
| ***2009*** *Eżegwiti* | 73 | | 67 | 51 | 777 | 21 | 19 | 99 | 420 | 16 | | 3 | 40 | 84 | 26 | 149 | 2 | 0 | 37 | 1367 | 63 | 877 | 6 | 79 | 47 | 28 | 80 | 4431 |